

Brussell, 11 ta' Lulju 2024  
(OR. en)

12193/24

ESPACE 70	TELECOM 239
RECH 356	MI 693
COMPET 780	ENER 377
IND 361	EMPL 369
EU-GNSS 11	CSC 469
TRANS 343	CSCGNSS 1
AVIATION 105	CSDP/PSDC 555
MAR 128	CFSP/PESC 1131

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Lulju 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 289 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar l-implimentazzjoni tal-Programm Spazjali tal-UE u dwar il-prestazzjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 289 final.

Mehmuż: COM(2024) 289 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 10.7.2024  
COM(2024) 289 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-  
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**dwar l-implimentazzjoni tal-Programm Spazjali tal-UE u  
dwar il-prestazzjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali**

{SEC(2024) 202 final} - {SWD(2024) 173 final}

## 1. INTRODUZZJONI

Il-Programm Spazjali tal-UE (il-Programm) huwa kritiku għall-awtonomija strateġika tal-UE u tal-Istati Membri tagħha u biex jappoġġa l-prijoritajiet politiċi tal-UE, b'mod partikolari l-Patt Ekoloġiku Ewropew, it-Tranżizzjoni Diġitali, ir-reżiljenza tal-UE, u r-rwol tal-UE fid-dimensjoni globali. Il-Programm jippermetti soluzzjonijiet biex jiġu indirizzati sfidi globali bħas-sostenibbiltà u t-tibdil fil-klima, is-sikurezza u s-sigurtà, id-diżastri naturali u l-mobbiltà, u jsaħħaħ ir-rwol tal-UE fix-xena internazzjonali bħala potenza spazjali globali. Barra minn hekk, jipprovdi b'mod effettiv *data* u servizzi mill-aktar avvanzati għal oqsma bħall-intelliġenza artifiċjali, il-vetturi awtonomi u s-soluzzjonijiet intelliġenti, itejjeb is-sigurtà permezz tal-monitoraġġ tal-infrastruttura kritika u jipprovdi *data* ewlenija għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għad-diżastri. Il-Programm għandu rwol kruċjali fl-indirizzar ta' suġġetti ta' politika trasversali billi jrawwem l-innovazzjoni, ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-kumpaniji tal-UE. L-UE ilha tiżviluppa l-inizjattivi u l-programmi spazjali tagħha stess mis-snin 1990 u tokkupa waħda mill-postijiet ewlenin fid-dinja fl-ispazju. Madankollu, f'ambjent ġeopolitiku dejjem aktar inċert, l-investment fl-ispazju jibqa' prijorità, sabiex jiġu żviluppati l-kapaċitajiet tal-UE, biex jibqgħu jiġu pprovduti *data* u servizzi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, u biex jiġu ppreservati t-tmexxija, il-kompetittività, is-sostenibbiltà u l-awtonomija strateġika tal-Ewropa.

Ir-Regolament (UE) 2021/696<sup>1</sup> (ir-Regolament) jistabbilixxi l-Programm għall-perjodu 2021–2027, u jistabbilixxi l-oġġettivi, il-baġit u l-governanza tiegħu. Ir-Regolament jistabbilixxi wkoll l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA, European Union Agency for the Space Programme) bħala evoluzzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GSA, Global Satellite Agency), b'mandat sostanzjalment estiż dwar il-komponenti kollha tal-Programm.


Billi jissimplifika l-governanza u jikkapitalizza fuq is-sinerġiji u l-attivitajiet orizzontali, il-Programm għall-ewwel darba jiġbor flimkien l-attivitajiet spazjali tal-UE f'Regolament wieħed. Huwa magħmul mill-inizjattivi ewlenin spazjali tal-UE, għan-navigazzjoni, il-pożizzjonament u l-kejl tal-ħin (Galileo, EGNOS<sup>2</sup>), l-osservazzjoni tad-Dinja (Copernicus) u inizjattivi ġodda dwar l-għarfien tas-sitwazzjoni fl-ispazju (SSA, space situational awareness) u l-komunikazzjoni governattiva bis-satellita (GOVSATCOM, governmental satellite communications). Jinkludi wkoll attivitajiet orizzontali b'appoġġ għas-settur spazjali. Ir-Regolament jiddefinixxi l-governanza tad-diversi komponenti tal-Programm u r-regoli għall-

---

<sup>1</sup> [Ir-Regolament \(UE\) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti \(UE\) Nru 912/2010, \(UE\) Nru 1285/2013 u \(UE\) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE](#)

<sup>2</sup> Is-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja.

implimentazzjoni. Il-kompiti jitqassmu bejn diversi atturi, jiġifieri l-Kummissjoni Ewropea, bħala l-manijer ġenerali tal-programm, l-Istati Membri, l-EUSPA, l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA, European Space Agency) u entitajiet oħra<sup>3</sup> fdati b'kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-Programm.



L-Artikolu 102 tar-Regolament jobbliga lill-Kummissjoni tevalwa l-implimentazzjoni tal-Programm u tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni għandha l-mandat li tivvaluta l-prestazzjoni tal-EUSPA u li tippreżenta rapport dwar l-evalwazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bord Amministrattiv tal-EUSPA u lill-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà (SAB, Security Accreditation Board) tagħha.

Peress li l-objettiv ewlieni tal-Programm huwa li jipprovdi *data* u servizzi tal-UE bbażati fl-ispazju li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-utenti u jappoġġaw il-prijoritajiet strateġiċi tal-UE, l-evalwazzjoni tivvaluta l-prestazzjoni tas-servizzi u tas-sodisfazzjon tal-utenti. Filwaqt li l-implimentazzjoni tal-Programm tiġi mmonitorjata b'mod kostanti matul is-sena, l-evalwazzjoni interim tippermetti li jiġu analizzati b'mod aktar olistiku l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tal-Programmi.

<sup>3</sup> L-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi (EUMETSAT, European Organisation for the Exploitation of Meteorological Satellites), iċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Meteoroloġiċi fuq Perjodu Medju (ECMWF, European Centre for Medium-Range Weather Forecast), Mercator Ocean International, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA, European Maritime Safety Agency), l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (FRONTEX), l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA, European Environment Agency), iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SATCEN, Satellite Centre).

L-evalwazzjoni hija bbażata fuq l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs, Key Performance Indicators) inklużi fir-Regolament, li jistrutturaw id-Dikjarazzjoni Annwali tal-Prestazzjoni tal-Programm. Minħabba d-differenzi fost il-komponenti tal-Programm, ġew identifikati miri speċifiċi għal kull komponent kif ukoll għall-entitajiet fdati involuti fl-implimentazzjoni tiegħu, abbażi tal-objettivi tal-Programm u tal-ftehimiet ta' kontribuzzjoni konklużi mal-ESA u ma' entitajiet inkarigati oħra. Ir-Rapport ikopri l-perjodu mill-2021 sal-2023 u huwa akkumpanjat minn Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal (SWD, Staff Working Documents) li jagħtu dettalji dwar il-valutazzjoni bbażata fuq l-evidenza dwar l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza, ir-rilevanza, u l-valur miżjud tal-UE tal-Programm u mill-istudju "Evaluation of the Performance of the Implementation of the Implementation of the EU Space Programme and of EUSPA"<sup>4</sup>.

## 2. IL-PROGRAMM SPAZJALI TAL-UE B'APPOĠĠ GĦALL-PRIJORITAJIET STRATEĠIĊI TAL-UE U L-ĦTIĠIJET TAL-UTENTI

Id-*data* u s-servizzi spazjali tal-UE saru għodod kritiċi fl-appoġġ tal-għanijiet politiċi tal-UE billi jipromwovu t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi ġusti u jsaħħu r-reżiljenza tal-UE.

It-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u ż-żieda fit-tniġġis huma fost l-akbar sfidi li l-umanità qed tiffaċċja llum. Dawn jistgħu jingħelbu permezz tat-tranżizzjoni ekoloġika tal-Ewropa, mirfuda mill-**Patt Ekoloġiku Ewropew**. L-informazzjoni spazjali mogħtija minn Copernicus, Galileo u EGNOS tipprovdi għodod u *data* essenzjali biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali tal-lum u jiġu appoġġati direttament l-għanijiet ambizzjużi tal-UE, b'mod partikolari għall-monitoraġġ, il-mitigazzjoni u l-adattament għall-impatti ambjentali. Pereżempju, il-Liġi tal-UE dwar il-Klima<sup>5</sup> rrikonoxxiet ir-rwol tad-*data* ta' Copernicus fil-valutazzjoni tat-triq tal-UE lejn in-newtralità klimatika u l-progress fl-adattament. Jew ir-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni<sup>6</sup> jindika li d-*data* u s-servizzi ta' Copernicus, Galileo u EGNOS jenħtieġ li jintużaw mill-kumpaniji biex jipprovdu koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni u juru lill-awtoritajiet kompetenti li l-prodotti mqiegħda fis-suq tal-UE ma jiġux minn art deforestata. Barra minn hekk, il-Programm irawwem il-ħolqien u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi li jipromwovu l-monitoraġġ ambjentali, it-tkabbir sostenibbli u l-effiċjenza fir-riżorsi.

Il-Programm għandu wkoll rwol vitali fl-iżvilupp tas-Suq Uniku Diġitali tal-Ewropa u jaġixxi bħala aċċelleratur tat-**tranżizzjoni diġitali** ġusta tal-UE f'setturi ekonomiċi differenti billi jipprovdi infrastruttura teknoloġika avvanzata u *data* kritika. Il-ħin standard ta' Galileo jservi

<sup>4</sup> [Mid-Term Evaluation of the Performance of the Implementation of the EU Space Programme and of EUSPA](#)

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")

<sup>6</sup> [Ir-Regolament \(UE\) 2023/1115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament \(UE\) Nru 995/2010 \(Test b'rilevanza għaż-ŻEE\)](#)

bħala r-referenza għan-networks tat-telekomunikazzjoni, il-grilji tal-elettriku u t-tranżazzjonijiet finanzjarji, u s-servizzi ta' pożizzjonament u kejl tal-ħin tiegħu huma essenzjali għal bosta applikazzjonijiet diġitali bħat-telekomunikazzjoni u l-vetturi awtonomi. Filwaqt li l-inizjattiva Destinazzjoni d-Dinja, li tipprovdi mudell diġitali ta' preċiżjoni għolja tad-Dinja ("Tewmi Diġitali tad-Dinja"), għandha rwol sinifikanti wkoll fit-tranżizzjoni diġitali billi tisfrutta *data* avanzata ta' osservazzjoni tad-Dinja u teknoloġiji diġitali biex jiġu indirizzati l-isfidi globali.

Fil-kuntest ġeopolitiku attwali, meta l-ispazju qed isir dejjem aktar qasam ikkontestat, hemm bżonn li **tinbena UE aktar b'saħħha u aktar reżiljenti**. Il-Programm għandu rwol ewlieni fl-appoġġ ta' dan l-għan. Isaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-UE billi jrażżan id-dipendenzi fuq sistemi spazjali mhux Ewropej, jiżgura l-awtodipendenza u jippożizzjona lill-UE bħala sieħeb affidabbli fl-arena internazzjonali. Fl-istess ħin, il-komponenti spazjali tal-UE jipprovdu servizzi użati jew fil-qasam tas-sigurtà jew biex jiġu protetti l-infrastrutturi kritiċi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha kif imfakkar fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza tal-infrastrutturi kritiċi<sup>7</sup>. L-istabbiliment ta' komponent iddedikat tal-**GOVSATCOM tal-UE** kkostitwixxa pass importanti lejn ir-reżiljenza billi pprova kapaċitajiet ta' komunikazzjoni siguri u kosteffiċjenti għal missjonijiet u operazzjonijiet kritiċi ġestiti mill-UE u mill-Istati Membri tagħha. Barra minn hekk, permezz tal-forniment tas-servizzi tas-**Sorveljanza u l-Insewiment fl-Ispazju (SST, Space Surveillance and Tracking) tal-UE** li huma parti mill-komponent tal-SSA, l-assi spazjali huma protetti minn kollizzjonijiet, li jippermettu l-kontinwità tas-servizzi għall-komunikazzjoni, in-navigazzjoni, jew il-ġestjoni tad-diżastri. Fl-istess ħin, iċ-ċittadini, it-traffiku tal-ajru u l-infrastrutturi tal-art huma protetti wkoll mis-servizzi tal-SST minn dħul mill-ġdid fl-atmosfera ta' oġġetti spazjali.

Il-Programm kellu rwol kruċjali fit-**tisħiħ tal-kompetittività tal-UE** u fl-**iżvilupp ta' ekosistema spazjali tal-UE** robusta. Billi naqqas id-dipendenza fuq programmi spazjali mhux Ewropej u tejjeb il-kapaċità tal-UE li topera b'mod awtonomu f'attivitajiet relatati mal-ispazju, il-Programm ta lill-UE indipendenza strateġika fl-ispazju. Barra minn hekk, inkluż bl-appoġġ ta' **Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa**, il-Programm kien strumentali biex jixpruna l-innovazzjoni u l-progress teknoloġiku fl-UE, li rriżulta fil-ħolqien ta' prodotti, proċessi u mudelli tan-negozju ġodda, kif ukoll fit-twassil ta' servizzi b'valur miżjud. Dan mhux biss saħħaħ il-kapaċitajiet teknoloġiċi tal-UE iżda ppożizzjona wkoll lill-kumpaniji Ewropej bħala mexxejja fl-industrija spazjali globali.

Il-Programm ħoloq swieq u opportunitajiet ġodda għal firxa wiesgħa ta' intrapriżi, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, small and medium enterprises), appoġġa l-iżvilupp tagħhom tul il-katina tal-valur kollha tal-industrija spazjali, u ppermettelhom jinvolvu ruħhom fil-manifattura tas-satelliti, fl-iżvilupp tat-teknoloġija spazjali, u fl-analiżi

---

<sup>7</sup> [Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar approċċ ikkoordinat mal-Unjoni kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika \(2023/C 20/01\)](#)

tad-*data* għal diversi applikazzjonijiet<sup>8</sup>. L-ekosistema spazjali tal-UE hija wkoll parti ewlenija mill-**istrateġija industrijali Ewropea**<sup>9</sup> billi trawwem l-innovazzjoni, tippromwovi l-kompetittività, u toħloq opportunitajiet għall-kumpaniji Ewropej biex jipparteċipaw fis-suq spazjali globali.

L-inizjattiva **Cassini**<sup>10</sup> tappoġġa l-intraprenditorija f'negozji relatati mal-ispazju madwar l-UE permezz ta' tipi differenti ta' azzjonijiet. L-inizjattiva hija miftuħa għall-oqsma kollha tal-Programm u hija mfassla biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-kumpaniji li jkopru kemm upstream (jiġifieri nanosats, lanċaturi, eċċ.) kif ukoll downstream (jiġifieri, prodotti/servizzi permessi minn *data* spazjali, eċċ.). CASSINI tinkludi fond tal-UE għall-avvjament u t-tkabbir ta' EUR 1 biljun, hackathons u mentoraġġ, premijiet, aċċeleratur tan-negozju, sħubija u tlaqqiġh. Billi għaqqdet flimkien is-sinerġiji u l-koerenza bejn il-programmi differenti tal-UE inkluż InvestEU, CASSINI appoġġat lil aktar minn 700 SME sa tmiem it-tieni trimestru tal-2023, bi kważi 40 minnhom jiżguraw total ta' EUR 300 miljun f'investimenti ta' riskju.

**Id-Dimostrazzjoni fl-Orbita/Validazzjoni fl-Orbita (IOD/IOV, In Orbit Demonstration/In Orbit Validation)**<sup>11</sup> tippermetti lill-akkademja, lill-organizzazzjonijiet tar-riċerka, lin-negozji ġodda, lill-SMEs u lill-kumpaniji industrijali akbar jittestjaw b'mod effettiv teknoloġiji ġodda fl-ispazju, u b'hekk jitnaqqas iż-żmien għall-kummerċjalizzazzjoni f'sinerġija sħiħa mal-programmi ta' finanzjament tar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

### **3. SEJBIET EWLENIN DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM SPAZJALI TAL-UE**

#### **3.1 Il-prestazzjoni tal-komponenti tal-Programm u l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet tal-utenti**

L-evalwazzjoni kkonfermat li matul il-perjodu ta' evalwazzjoni, il-prestazzjoni tal-Programm u l-komponenti huma allinjati mal-objettivi tiegħu, u jissodisfaw b'mod effettiv il-ħtiġijiet tal-utenti.

#### **Galileo u EGNOS**

Galileo mnexxielu jilħaq l-objettivi ewlenin tiegħu billi pprova servizzi ta' pożizzjonament, navigazzjoni u kejl tal-ħin fit-tul madwar id-dinja kollha li huma siguri u tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, bi fteit li xejn interruzzjonijiet fis-servizz, filwaqt li jissodisfa l-ħtiġijiet li qegħdin jevolvu u jikbru tal-Ewropa u taċ-ċittadini tagħha. Il-biċċa l-kbira tal-miri ntlaħqu u parzjalment inqabżu. Galileo llum hija l-aktar sistema preċiża ta' navigazzjoni bis-satellita

---

<sup>8</sup> Ir-Rapport tal-EUSPA dwar is-Suq tal-EO u tal-GNSS tal-EUSPA (ħarġa 2)

<sup>9</sup> [Strateġija industrijali Ewropea - Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

<sup>10</sup> [Inizjattiva għall-Intraprenditorija fl-Ispazju - CASSINI - Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

<sup>11</sup> [Dimostrazzjoni u Validazzjoni fl-Orbita \(IOD/IOV\) - Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

fid-dinja. Il-preċiżjoni tas-servizzi ta' navigazzjoni u ta' kejl tal-ħin tagħha diġà qabżet l-impenji inizjali (medja li hija tliet darbiet aħjar mill-mira għall-2027), u l-enfasi issa hija li dan il-livell għoli ta' prestazzjoni jinżamm b'mod konsistenti. Barra minn hekk, id-disponibbiltà ġenerali tas-servizzi ta' Galileo hija qrib li tilħaq il-valur fil-mira finali (li d-disponibbiltà tas-servizzi ta' Galileo dejjem tkun ogħla minn 99 %), u qed isiru sforzi biex jiġi żgurat li din id-disponibbiltà tibqa' stabbli.

Sa mid-dikjarazzjoni tas-servizzi ta' Galileo f'Diċembru 2016, intlaħqu miri sinifikanti, inkluża l-introduzzjoni tas-Servizz Miftuħ (OS, Open Service) u tas-Servizz ta' Tiftix u Salvataġġ (SAR, Search and Rescue Service), kif ukoll l-iżvilupp u t-twassil ta' servizzi uniċi ġodda bħas-Servizz b'Akkuratezza Għolja (HAS, High Accuracy Service), li diġà qed jipprovi pożizzjonament globali akkurat ħafna. Barra minn hekk, hemm fis-seħħ pjanijiet biex jiġu ddikjarati servizzi ġodda oħra fil-futur qrib, bħall-Awtentikazzjoni tal-Messaġġi ta' Navigazzjoni b'Servizz Miftuħ (OSNMA, Open Service Navigation Message Authentication) u s-Servizz Satellitari ta' Twissija ta' Emerġenza (EWSS, Emergency Warning Satellite Service) ta' Galileo. L-implimentazzjoni tas-Servizz Pubbliku Regolat (PRS, Public Regulated Service) miexja 'l quddiem skont l-iskeda stabbilita, u mistennija titlesta sal-2024. Huma meħtieġa aktar sforzi biex tiġi żgurata l-introduzzjoni b'suċċess u l-funzjonalità sħiħa tiegħu. Ġiet stabbilita task force għall-ġestjoni tar-riskju mill-Kummissjoni f'kollaborazzjoni mal-EUSPA, l-ESA, u l-atturi industrijali biex timmonitorja l-progress u tissorvelja l-eżekuzzjoni tal-pjan ta' ħidma.

<b>Ħarsa ġenerali lejn is-servizzi ta' Galileo</b>
<b>Is-Servizz Miftuħ ta' Galileo (OS):</b> Jipprovi informazzjoni dwar il-firxa, il-pożizzjonament u l-kejl tal-ħin għal 3 biljun+ apparat li jaħdem bil-Galileo. <b>Karatteristiċi ġodda u mtejbja tas-Servizz Miftuħ ta' Galileo "Sinjal fl-Ispazju" li tlesta fl-2023 b'aġġornament tal-impenji tas-servizz f'Novembru 2023.</b>
<b>Is-Servizz Pubbliku Regolat ta' Galileo (PRS):</b> Servizz ta' navigazzjoni ta' Galileo li joffri lill-utenti governattivi awtorizzati servizz globali mingħajr interruzzjoni ta' pożizzjonament, veloċità u kejl tal-ħin (PVT, positioning, velocity and timing), soluzzjoni anke fl-aktar sitwazzjonijiet ta' kriżi serji.
<b>Is-Servizz b'Akkuratezza Għolja ta' Galileo (HAS):</b> Jipprovi korrezzjonijiet ta' akkuratezza għolja għal Galileo u l-GPS. <b>Servizzi Inizjali f'Jannar 2023 bi prestazzjoni eċċellenti minn dak iż-żmien 'l hawn.</b>
<b>Is-Servizz ta' Tiftix u Salvataġġ (SAR) ta' Galileo:</b> Jidentifika u jillocalizza persuni f'diffikultà u jikkomunika l-pożizzjoni tagħhom liċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni ta' Salvataġġ madwar id-dinja.

Galileo esperjenza xi ftit ostakli matul il-perjodu ta' evalwazzjoni li kienu relatati ma' fatturi esterni, b'mod partikolari n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' żewġ servizzi ta' llanċjar (inizjalment skedati fl-2022) b'lanċaturi Soyuz wara l-invażjoni Russa tal-Ukrajna li kellha impatt fuq l-implimentazzjoni bla ntoppi ta' ċerti attivitajiet f'dan il-komponent. Barra minn hekk, taħlita ta' fatturi esterni inklużi tensjonijiet ġeopolitiċi, inflazzjoni, u skarsezzi taċ-ċipep wasslet għal dewmien fit-twettiq tal-impenji tal-ordnijiet mill-industrija, li pprevjena d-dikjarazzjoni tal-

FOC<sup>12</sup> tal-OS ta' Galileo. Peress li s-servizzi jistgħu jiġu pprovduti mingħajr il-kostellazzjoni kompluta, il-forniment tas-servizzi ma ġiex affettwat. Madankollu, peress li xi satelliti qed jaslu fi tmiem haġġithom, ir-riskji potenzjali għall-prestazzjoni qed jiżdiedu. B'reazzjoni għal dan, il-Kummissjoni ħadet il-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa, jiġifieri, l-iskjerament ta' erba' satelliti ta' Galileo b'fornitur alternattiv ta' servizz ta' llanċjar, biex tiżgura l-kontinwità tas-servizzi u l-prestazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-komponent **EGNOS** għamlet progress tajjeb. Billi sar titjib fl-akkuratezza għal madwar metru 1, inqabżet il-mira tal-2027, u tġiebet l-affidabbiltà tas-sinjal tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS, Global Navigation Satellite System) madwar l-Ewropa, u b'hekk l-EGNOS tipprova applikazzjonijiet kritiċi għas-sikurezza għall-utenti fl-Ewropa, bħall-operazzjonijiet u l-inżul tal-inġenji tal-ajru. Iżda minkejja li l-prestazzjoni tas-servizz tagħha f'termini ta' kopertura qed titjeb gradwalment, b'mod partikolari fil-qasam ewlieni tal-avjazzjoni, l-oġettiv li jiġi żgurat is-servizz EGNOS fit-territorji kollha tal-Istati Membri tal-UE fl-Ewropa ġie ttardjat. Dan kien dovut għall-effetti tat-temp spazjali li jiddegradaw il-prestazzjonijiet tas-servizz, l-għeluq ta' żewġ siti barra mill-UE għal raġunijiet ta' sovranità u d-dewmien fl-iżvilupp tat-tielet ġenerazzjoni ta' EGNOS (EGNOS V3). Il-Kummissjoni stabbiliet il-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa biex tiżgura kopertura sħiħa tat-territorju tal-Unjoni malajr kemm jista' jkun.

<b>Servizz Miftuħ (OS)</b>	It-titjib tal-akkuratezza tal-GNSS, maħsub prinċipalment għal applikazzjonijiet ta' navigazzjoni bis-satellita ta' volum għoli għall-użu mill-konsumaturi
<b>Servizz Sigurtà tal-Ħajja (SoL, Safety of Life)</b>	Il-forniment ta' livell għoli ta' integrità għall-utenti li għalihom is-sigurtà hija essenzjali: <ul style="list-style-type: none"> <li>- Avjazzjoni Ċivili (standards tal-ICAO)</li> <li>- <i>Marittimu (standards tal-IMO u I-IEC) minn Marzu 2024</i></li> </ul>
<b>Servizz ta' Aċċess għad-Data (EDAS)</b>	L-offerta ta' <i>data</i> ta' EGNOS b'valur miżjud akbar permezz tal-internet, maħsuba prinċipalment għal użu professjonali jew kummerċjali

<sup>12</sup> Il-fażi tal-FOC ta' Galileo tirreferi għall-kostellazzjoni sħiħa ta' 27 satellita operazzjonali u tliet riżervi, kollha stazzjonati fuq tliet Orbits Dinjija Medji (MEOs, Medium Earth Orbits) ċirkolari f'altitudni ta' 23 222 km u b'inklinazzjoni ta' 56° għall-ekwatur.

L-evalwazzjoni ffukat ukoll fuq kemm Galileo u EGNOS jissodisfaw il-**ħtiġijiet** u r-rekwiżiti tal-**utenti**. L-għadd ta' utenti ta' Galileo qed jikber, b'aktar minn 3,9 biljun apparat użat sal-2023 u b'sodisfazzjon kbir tal-utenti fis-servizzi kollha, li jilħaq 82,35 % tal-utenti sodisfatti bil-prestazzjoni ta' Galileo. Galileo jinkludi utenti fl-agrikoltura, l-avjazzjoni u d-droni, is-soluzzjonijiet tal-konsumatur, il-ġestjoni tal-emerġenzi, is-sajd, il-forestrija, is-settur marittimu, ferrovjarju, it-trasport pubbliku, is-setturi tal-karozzi u oħrajn. Fil-każ ta' EGNOS, is-settur tal-avjazzjoni huwa wieħed mill-utenti ewlenin, b'aktar minn 900 avviċinament (li jkopru aktar minn 65 % tar-runways bl-istrumenti), u aktar minn 27 % tal-flotta tal-ajruplani mgħammra b'EGNOS sa tmiem l-2023. L-agrikoltura hija settur ieħor tal-utent tal-EGNOS matur biżżejjed għall-applikazzjonijiet ta' gwida għall-kultivazzjoni tal-għelejjel b'valur bażiku (eż. iċ-ċereali), bi kważi t-tagħmir kollu tal-GNSS fl-agrikoltura mqabblad mal-EGNOS.

L-EUSPA u l-Kummissjoni ħolqu u jmexxu l-**Pjattaforma ta' Konsultazzjoni għall-Utenti** sabiex jindirizzaw u jirrevedu aħjar il-ħtiġijiet tal-utenti għall-applikazzjonijiet tal-GNSS fis-setturi kollha tal-ekonomija. Skont l-evalwazzjoni, is-sistema attwali tindirizza l-biċċa l-kbira tal-ħtiġijiet eżistenti. Madankollu, xi wħud minnhom – bħal każijiet emerġenti ta' użu li huma kritiċi għas-sikurezza fit-trasport – ma jistgħux jiġu ssodisfati mill-ġenerazzjoni attwali ta' Galileo jew EGNOS. Għalhekk, huwa importanti li l-Galileo tat-Tieni Ġenerazzjoni u l-EGNOS V3 jiġu pprovduti u skjerati malajr kemm jista' jkun. Fil-qasam ferrovjarju u marittimu, il-partijiet ikkonċernati esprimew l-interess qawwi tagħhom għal servizz dedikat tal-EGNOS. Il-Kummissjoni qed tindirizza dawn it-talbiet flimkien mal-EUSPA.

## **Copernicus**

L-objettivi tal-komponent Copernicus huma li jipprovdi *data*, informazzjoni u servizzi preċiżi ta' osservazzjoni tad-Dinja billi jintegra diversi sorsi ta' *data* fuq bażi sostenibbli u jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki u l-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, f'konformità mar-rekwiżiti tal-utenti. L-indikaturi kollha juru li l-prestazzjoni tas-servizzi ta' Copernicus (jiġifieri l-art, il-baħar, l-atmosfera, it-tibdil fil-klima, l-emerġenza, u s-sigurtà) f'termini ta' affidabbiltà, disponibbiltà u kontinwità huma bħala medja oġġla mill-mira ta' 94,5 %. Inqabżu wkoll il-miri għall-volum ta' *data* ġġenerata mis-Sentinels. Din id-*data* ġiet ipprovduta fuq bażi sħiħa, ħielsa u miftuħa li tappoġġa firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet, mill-monitoraġġ ambjentali u l-ġestjoni tad-diżastri għall-adattament għat-tibdil fil-klima u l-ippjanar urban sostenibbli.



Filwaqt li l-prestazzjoni tal-komponent Copernicus hija ferm ogħla mill-aspettattivi, ġie osservat dewmien fit-tnedija ta' Sentinel 1C<sup>13</sup> minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' lanċaturi Ewropej. Kien hemm ukoll nuqqas ta' *data* mir-radar minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tas-satellita Sentinel-1B, iżda ġew stabbiliti miżuri ta' mitigazzjoni, b'mod partikolari billi ġie aġġustat il-pjan ta' osservazzjoni għas-Sentinel-1A, u permezz tat-tisħiħ tal-missjonijiet ta' kontribuzzjoni. It-telf tad-*data* ġie kkompensat ukoll bil-forniment ta' *data* protetta minn sorsi oħra<sup>14</sup>.

Fir-rigward **tal-utenti u l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom**, l-għadd ta' utenti ta' *data*, prodotti jew servizzi f'Copernicus qed jikber, bis-sodisfazzjon tagħhom jaqbeż il-85 % fis-servizzi kollha. Bis-saħħa tal-kapaċità tiegħu li jindirizza l-ħtiġijiet diversi u li qed jevolvu tal-utenti, Copernicus wera li kapaċi jattira għadd dejjem akbar u firxa wiesgħa ta' utenti. L-għadd ta' utenti rreġistrati rdoppja bejn l-2020 u l-2022 (minn 385 000 għal 638 000 utent fl-2022), bl-ammont ta' *data* ta' Sentinel iġġenerat ikun ta' 6 800 Terabyte fl-2022. L-użu ta' Sistema Dinamika ġdida ta' Xiri jżid l-aġilità tal-iskema tal-missjonijiet ta' kontribuzzjoni u jnaqqas l-ostakli possibbli għal parteċipanti ġodda fis-suq Ewropew, b'mod partikolari kumpaniji ġodda tal-ispazju u emerġenti. Firxa wiesgħa ta' għodod u pjattaformi tagħmilha faċli għall-utenti biex jaċċessaw, janalizzaw u jivviżwalizzaw l-informazzjoni disponibbli permezz tal-Programm. **Il-Forum tal-Utenti ta' Copernicus** jipprovdi kontributi lill-

<sup>13</sup> Id-*data* u s-servizzi ta' Copernicus għall-Osservazzjoni tad-Dinja huma pprovduti minn sett ta' satelliti ddedikati (il-familji Sentinel), għall-kuntrarju ta' Galileo, għal Copernicus kull Sentinel jipprovdi servizz differenti.

<sup>14</sup> Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni Internazzjonali ta' Copernicus mal-Kanada li jipprevedi l-kondiviżjoni tad-*data* satellitari dwar l-Osservazzjoni tad-Dinja ta' xulxin abbażi tar-reċiproċità.

Kummissjoni rigward id-definizzjoni u l-validazzjoni tar-rekwiżiti tal-utenti, b'mod partikolari għas-settur pubbliku (l-utenti ewlenin ta' Copernicus), filwaqt li l-**Pjattaforma ta' Konsultazzjoni tal-Utenti** trawwem sinerġiji bejn Galileo/EGNOS u Copernicus, pereżempju fl-agrikoltura, il-forestrija u l-ippjanar urban. Barra minn hekk, il-koerenza bejn is-servizzi differenti ta' Copernicus u l-adozzjoni tagħhom hija żgurata b'mod partikolari minn **erba' Ċentri Tematiċi ta' Copernicus** (Kostali, Saħħa, Enerġija u Artiku) u **ċ-Ċentru ta' Għarfien dwar l-Osservazzjoni tad-Dinja** li jikkombina l-informazzjoni u l-prodotti għal oqsma tematiċi speċifiċi, bl-għan li jiffaċilita l-aċċess u jipromwovi l-kollaborazzjoni.

### **Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju (SSA)**

Il-**komponent tal-SSA** huwa magħmul minn tliet subkomponenti: SST, it-Temp Spazjali (SWE, Space Weather) u Oġġetti Qrib id-Dinja (NEO, Near-Earth Objects). L-SST hija l-aktar parti avvanzata, peress li hija evoluzzjoni ta' servizz eżistenti (il-Qafas għall-Appoġġ għas-Sorveljanza u l-Insewiment fl-Ispazju tal-2014<sup>15</sup>). Minn Lulju 2022, in-network jinkludi 40 senser tal-Istati Membri (inklużi radars, teleskopji u stazzjonijiet ta' kejl tad-distanza bil-laser) u s-servizzi tiegħu sejrini tajjeb ħafna. Il-komunità tal-utenti qed tkompli tikber, jiġifieri b'operaturi satellitari minn pajjiżi mhux tal-UE, kif previst mir-Regolament. Fi tmiem l-2023, madwar 200 organizzazzjoni huma rreġistrati mas-servizzi tal-SST, b'aktar minn 400 satellita rreġistrati għas-servizz ta' evitar ta' kolliżjonijiet. Il-**Ftehim ta' Sħubija tal-SST tal-UE**, li ilu fis-seħħ minn Novembru 2022, espanda minn 7 għal 15-il Stat Membru attwali tal-UE, u b'hekk tejjeb il-kapaċitajiet tas-sistema tal-SST biex tistħarreġ u ssegwi l-oġġetti spazjali li jduru mad-dinja.


L-SWE u n-NEO ġew introdotti bħala subkomponenti ġodda fir-Regolament u għadhom mhumiex operazzjonali, peress li l-proċess ta' implimentazzjoni għadu għaddej. Għalhekk, dawn ma jistgħux jiġu evalwati. Madankollu, l-implimentazzjoni tas-subkomponent SWE qiegħda tagħmel progress kif ippjanat bid-definizzjoni tal-prijoritajiet tas-servizz u l-kumpilazzjoni tal-ewwel verżjoni ta' mappa tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri għad-detezzjoni u l-monitoraġġ tan-NEOs b'lista sħiħa ta' istituzzjonijiet u assi.

---

<sup>15</sup> [Id-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tistabbilixxi Qafas għall-Appoġġ tas-Sorveljanza u l-Insewiment fl-Ispazju](#)


## L-GĦAJNEJN TAL-EWROPA FUQ L-ISPAGZJU

It-trawwim tal-awtonomija strateġika tal-UE



## Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita (GOVSATCOM)

L-attivitajiet preparatorji għall-forniment ta' servizzi ġew implimentati b'mod effettiv. L-attivitajiet operazzjonali ffukaw fuq l-akkwist taċ-ċentru GOVSATCOM u fuq is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess relatata mas-siti li se jospitaw iċ-ċentru. Il-EUSPA, flimkien mal-Kummissjoni, imnaxxielha ttaffi xi dewmien u l-attivitajiet bħalissa qed jaħdmu bla xkiel. Il-kuntratt ta' sħubija għall-innovazzjoni għaċ-Ċentru ta' GOVSATCOM ingħata f'Diċembru 2023 filwaqt li l-evalwazzjoni tal-proposti relatati mal-lokalizzazzjoni tas-siti għadha għaddejjja. Matul il-perjodu ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni stabbiliet ukoll il-qafas legali għall-implimentazzjoni tal-komponent.



Fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-utenti, inħoloq network ta' rappreżentanti tal-utenti biex jiġbor u jaggrega r-rekwiżiti tal-utenti (il-proġett **ENTRUSTED**<sup>16</sup>). Bi tkomplija fuq GOVSATCOM, fil-15 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament li jstabbilixxi l-**programm tal-Unjoni għal konnettività sigura għall-2023–2027 IRIS**<sup>2</sup>, li ġiet adottata fil-15 ta' Marzu 2023<sup>17</sup>.

### **3.2 Implimentazzjoni tal-kompiti mill-entitajiet fdati**

Il-maġġoranza l-kbira tal-kompiti fdati lil diversi entitajiet kif definiti mir-Regolament, ġew implimentati b'mod effettiv matul il-perjodu ta' evalwazzjoni.

Għal **Galileo** u **EGNOS**, l-EUSPA wettqet il-kompiti tagħha b'mod effettiv u kisbet il-biċċa l-kbira tal-oġġettivi tagħha. Madankollu, ċerti karatteristiċi u servizzi futuri kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-FOC ġarrbu dewmien kif spjegat hawn fuq. Madankollu, ġew implimentati miżuri ta' mitigazzjoni biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi.

Għal **Copernicus**, l-attivitajiet ta' implimentazzjoni huma allinjati bis-sħiħ mal-Ftehimiet ta' Kontribuzzjoni mal-ESA u ma' entitajiet inkarigati oħra li jiżguraw implimentazzjoni f'waqtha u li tirrispetta l-baġit.

Fil-każ tal-SSA, il-valutazzjoni tal-kompiti relatati mal-SST ma kinitx fattibbli peress li l-Front Desk tal-SST ġie ttrasferit lill-EUSPA f'Lulju 2023 wara l-istabbiliment tas-Sħubija l-ġdida tal-SST tal-UE. Il-kontinwità tas-servizz tal-SST ġiet żgurata mis-SATCEN, li ħadem flimkien mal-EUSPA biex jiżgura tranżizzjoni bla xkiel. Għas-subkomponent **SWE**, id-dewmien fl-akkwist immexxi mill-ESA ġie mmitigat b'mod effettiv u ma hija mistennija l-ebda konsegwenza negattiva, filwaqt li l-kompiti fdati lill-ESA relatati mas-subkomponent tan-NEO qed jaħdmu mingħajr xkiel.

Fir-rigward ta' **GOVSATCOM**, ġew fdati kompiti lill-EUSPA u lill-ESA. Iż-żewġ entitajiet wettqu l-attivitajiet tagħhom f'konformità mal-ftehimiet ta' kontribuzzjoni konklużi bejn il-Kummissjoni u dawk l-entitajiet.

### **3.3 Analiżi tal-Kostijiet-Benefiċċji tal-Programm**

Minkejja ambjent diffiċli u d-diffikultà fl-analiżi, minħabba wkoll il-fatt li kull komponent għandu perjodu ta' żmien, maturità, utenti u output differenti, il-benefiċċji miġjuba fil-livell Ewropew u globali mill-Programm jegħlbu l-kostijiet li kienu sostnuti direttament u indirettament għall-iżvilupp tal-komponenti tiegħu. Peress li Galileo, EGNOS u Copernicus tnedew qabel il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali, mhux dejjem kien possibbli li titwettaq valutazzjoni tal-kostijiet u tal-benefiċċji jew li jitkejjel l-impatt għall-perjodu 2021-

---

<sup>16</sup> [Il-Proġett "ENTRUSTED"](#)

<sup>17</sup> [Ir-Regolament \(UE\) 2023/588 li jstabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023–2027](#)

2023, peress li dan ma jkunx paragon akkurat bejn il-kostijiet u l-benefiċċji. Filwaqt li l-kostijiet huma istantanji, il-benefiċċji mill-isfruttament tal-komponenti spazjali tal-UE huma l-konsegwenza tal-investiment biex jiġu żviluppati l-infrastrutturi, inklużi l-investimenti li saru qabel ma l-programmi saru kompletament operazzjonali, bħal fil-każ tal-SSA u tal-GOVSATCOM.

Il-programm joffri firxa wiesgħa ta' benefiċċji, li jinkludu l-monitoraġġ ambjentali, l-innovazzjoni teknoloġika, it-*tkabbir* ekonomiku, il-*ħolqien* tal-impjiegi u t-*tittjib* tas-soċjetà fl-Ewropa. Id-disponibbiltà ta' *data* preċiża dwar in-navigazzjoni u l-osservazzjoni tad-Dinja tappoġġa l-innovazzjoni u toħloq opportunitajiet ekonomiċi ġodda li jappoġġaw it-*tkabbir* ta' ekosistema tat-teknoloġija profonda, li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-prosperità ekonomika tal-UE. Billi jixpruna l-innovazzjoni teknoloġika, irawwem l-intraprenditorija, u jappoġġa t-*tkabbir* tal-industrija spazjali, il-Programm joħloq impjiegi ta' teknoloġija avvanzata u jistimula l-iżvilupp ekonomiku f'diversi setturi.

**Galileo u EGNOS** joffru benefiċċji ekonomiċi sostanzjali permezz ta' servizzi mtejba ta' navigazzjoni, pożizzjonament u kejl tal-*ħin*. Peress li l-GNSS hija ben pubbliku, huwa diffiċli li l-benefiċċji jiġu attribwiti lil waħda mill-kostellazzjonijiet ewlenin tal-GNSS (GPS vs Galileo vs Beidou vs Glonass). Fl-*evalwazzjoni* ntużaw żewġ *xenarji* biex jiġu kkalkulati l-benefiċċji ta' Galileo u EGNOS, b'*xenarju* wieħed jattribwixxi 100 % tal-benefiċċju lil Galileo u l-ieħor jattribwixxi 25 % tal-benefiċċju lil Galileo u jaqsam il-bqija fost il-kostellazzjonijiet l-oħra tal-GNSS. L-*analiżi* wriet li l-benefiċċji ekonomiċi ta' Galileo u EGNOS huma akbar mill-*ispejjeż* fiż-*żewġ* *xenarji*. Anke meta wieħed jassumi li l-benefiċċji jinqas b'mod ugwali bejn l-*erba*' kostellazzjonijiet tal-GNSS, dawn xorta huma ferm ogħla mill-*ispejjeż* minħabba l-*każijiet* ta' *użu* wiesa' tal-GNSS u r-rwol kruċjali tagħha fl-ekonomija globali.

L-*analiżi* tal-kostijiet-benefiċċji kkonkludiet li l-benefiċċji soċjetali, ambjentali u ekonomiċi pprovduti minn **Copernicus** jegħlbu l-kostijiet tiegħu bi 3,7 darbiet, minkejja l-fatt li d-*data* u s-servizzi huma miftuħa u disponibbli liberament. Copernicus ma jipprovdi biss *data* użata f'diversi ekosistemi industrijali, iżda jistimula wkoll l-iżvilupp ta' prodotti, proċessi, mudelli ta' negozju u servizzi ta' valur miżjud ġodda, bħal *ħajjiet* salvati, kwalità tal-*ħajja* aħjar għaċ-*ċittadini* tal-UE u tnaqqis fit-telf minn perspettiva ekonomika billi jappoġġa l-industrija Ewropej. Barra minn hekk, ikkontribwixxa b'mod sinifikanti għan-nondipendenza tal-UE fuq pajjiżi oħra għal *data* ġeospazjali kritika.

Il-*valutazzjoni* tal-kostijiet-benefiċċji tal-komponent tal-SSA tista' biss tiġi stmata, peress li s-servizz għadu mhwiex kompletament operattiv. L-*evalwazzjoni* turi li l-investimenti mistennija se joħolqu benefiċċji kbar għall-ekonomija u għas-soċjetà, b'mod partikolari minħabba t-*tnaqqis* fil-kolliżjonijiet bejn l-*inġenji* spazjali u l-*fdalijiet* spazjali, u f'*manuvri* bla bżonn għall-*evitar* tal-kolliżjonijiet. Il-kostijiet akkumulati għall-SSA bejn l-2014 u l-2027 huma stmati li se jkun EUR 260,5 miljun, filwaqt li l-benefiċċji akkumulati jammontaw għal EUR 1 542,84 miljun.

Peress li **GOVSATCOM** se tkun operazzjonali fl-2024, il-benefiċċji mistennija tagħha ma setgħux jiġu kkwantifikati u mbassra sa issa, iżda kienu ġew analizzati fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja r-Regolament<sup>18</sup>. GOVSATCOM, li tippermetti rispons aktar rapidu u kkontrollat aħjar għall-emerġenzi, se tkun vitali għas-soċjetà Ewropea. GOVSATCOM se tipprovdi aċċess garantit, inkluż lill-Istati Membri li ma jibbenefikawx mis-sistemi satcom tagħhom stess, l-awtonomija tal-Unjoni, u benefiċċji ġenerali sinifikanti għaċ-ċittadini billi tipprovdi ġestjoni aħjar tal-kriżijiet u servizzi ta' emerġenza. Hija mistennija wkoll li tipprovdi servizzi aktar kosteffettivi bħala konsegwenza tal-kompetizzjoni integrata bejn il-fornituri tal-kapaċità differenti.

#### **4. SEJBIET EWLENIN LI JIKKONĊERNAW L-EUSPA**

Sa mill-ħolqien tagħha fl-2002, l-Aġenzija għaddiet minn bidliet sinifikanti mill-Impriża Konġunta Galileo għall-GSA u sussegwentement bl-evoluzzjoni tagħha għall-EUSPA. Ir-Regolament espanda l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompiti tal-EUSPA minn li jittratta l-aktar in-navigazzjoni bis-satellita għall-komponenti kollha tal-Programm.

Matul il-perjodu ta' evalwazzjoni, l-EUSPA b'mod ġenerali kellha prestazzjoni tajba u kisbet b'suċċess l-oġettivi tagħha fl-oqsma tal-isfruttament, is-sigurtà u l-adozzjoni mis-suq. Dan twettaq permezz ta' implimentazzjoni effettiva tal-kompiti ewlenin u fdati tiegħu definiti skont il-Ftehim Qafas dwar il-Kontribuzzjoni Finanzjarja (FFPA), fil-Ftehim ta' Kontribuzzjoni bejn il-Kummissjoni u l-EUSPA u fil-Ftehim dwar il-Kontribuzzjoni EUSPA-ESA ffirmat f'Ġunju 2021. Dwar il-maniġment, l-Aġenzija adottat struttura organizzattiva ġdida f'Ottubru 2021 li ssaħħaħ il-funzjonijiet orizzontali tekniċi u tiżgura t-tkabbir fil-persunal ġenerali.

Il-maġġoranza l-kbira tal-miri u l-oġettivi tal-**kompiti ewlenin tal-EUSPA** – l-Akkreditazzjoni tas-sigurtà, is-Sigurtà operazzjonali għall-EGNSS, l-Operazzjoni taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo, l-Attivitajiet tal-PRS, il-komunikazzjoni, il-promozzjoni u l-iżvilupp tas-suq u l-ġestjoni tal-Aġenzija – intlaħqu b'eċċezzjonijiet żgħar, l-aktar minħabba fatturi esterni (eż., in-nuqqas taċ-ċipep kellu impatt żgħir fuq it-tkabbir tal-mudelli tar-riċevituri tal-EGNOS fl-Agrikoltura u l-Forestrija).

Filwaqt li qabel l-**attivitajiet ta' adoxxjoni mill-utenti u mis-suq fdati lill-Awtorità ta' Vigilanza tal-Galileo, il-predeċessor tal-EUSPA**, kienu ffukati fuq Galileo u EGNOS, ir-Regolament jespandi l-attivitajiet tal-EUSPA għall-komponenti ta' Copernicus u ta' GOVSATCOM filwaqt li jiżgura sinerġiji u jindirizza udjenza akbar ta' utenti. L-attivitajiet kollha fdati lill-EUSPA dwar l-adoxxjoni mill-utenti u l-iżvilupp tas-suq twettqu fil-limiti tal-

---

<sup>18</sup> [SWD/2018/327 final tas-6 ta' Ġunju 2018 - Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja d-dokument: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti \(UE\) Nru 912/2010, \(UE\) Nru 1285/2013 u \(UE\) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE](#)

baġit u fil-biċċa l-kbira taġġhom fil-ħin. Ir-Rapport dwar is-Suq tal-EUSPA jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn id-dinamika tad-*data*, is-swieq downstream globali tal-Osservazzjoni tad-Dinja u tal-GNSS, li jkopru 15-il segment tas-suq, inklużi l-agrikoltura u l-forestrija, il-klima u l-ambjent, il-ferroviji, it-trasport pubbliku u t-trasport bit-Triq u l-Karozzi. L-EUSPA ppubblikat ukoll ir-rapport Secure SATCOM Market and User Technology fl-2023 bi ttejjija għall-adozzjoni mis-suq ta' GOVSATCOM u IRIS<sup>2</sup>.

Ir-Regolament estenda l-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-**Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà (SAB)** għall-komponenti spazjali kollha. L-SAB huwa korp indipendenti fi ħdan l-EUSPA li jissorvelja l-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà għall-komponenti kollha tal-Programm. L-evalwazzjoni wriet li b'mod ġenerali l-SAB jaħdem tajjeb u hemm monitoraġġ kostanti biex tiġi żgurata l-indipendenza tiegħu.

## 5. KONKLUŻJONIJIET

Il-Programm bil-baġit tiegħu ta' kważi EUR 15-il biljun joffri għadd kbir ta' benefiċċji, li jvarjaw mill-monitoraġġ ambjentali u l-protezzjoni tal-klima għat-*tkabbir ekonomiku*, l-innovazzjoni u s-sigurtà. Dawn il-benefiċċji jenfasizzaw is-sinifikat tal-attivitajiet spazjali fl-indirizzar tal-isfidi globali u fl-iżgurar ta' allinjament mill-qrib mal-prijoritajiet tal-UE.

L-evidenza ppreżentata fl-evalwazzjoni wriet li l-implimentazzjoni tal-Programm tilħaq sew l-oġġettivi tiegħu, il-komponenti qed jaħdmu kif ijjanant, u jipprovdu servizzi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-utenti li qed jevolvu.

Kif elaborat aktar fl-SWD ta' akkumpanjament, il-Programm irnexxielu jissodisfa l-kriterji kollha ta' Regolamentazzjoni Aħjar, u wera l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza, ir-rilevanza, u l-valur miżjud tal-UE. Huwa attira u żamm b'mod effettiv għadd dejjem jikber ta' utenti, billi jaqdi r-reqwiziti diversi u li qed jinbidlu f'diversi applikazzjonijiet u setturi. Il-kompiti implimentati mill-entitajiet fdati ġew allinjati sew mal-ftehimiet ta' kontribuzzjoni taġġhom u fi ħdan il-baġits allokat, u ġġeneraw benefiċċji li qabżu bil-kbir il-kostijiet assoċjati. L-evalwazzjoni wriet ukoll ir-rilevanza u l-koerenza inkontestabbli tal-Programm, peress li kkontribwixxa b'mod sinifikanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-UE, għar-reżiljenza tas-Suq Uniku, għall-indirizzar tal-isfidi globali, u għat-tiħiħ tar-rwol tal-UE bħala potenza spazjali globali. Il-valur miżjud tal-UE tal-Programm huwa evidenti permezz tal-ġbir flimkien ta' riżorsi nazzjonali limitati għall-benefiċċju tal-UE u tas-27 Stat Membru, b'*data* u servizzi disponibbli liberament li jkkontribwixxu għall-ekonomija, l-industrija u ċ-ċittadini tal-UE.

Filwaqt li l-implimentazzjoni tal-Programm kienet bla xkiel u qed tilħaq l-oġġettivi tiegħu, għad fadal xi sfidi. In-nuqqas temporanju ta' **soluzzjoni Ewropea għal-lanċaturi**, li tillimita l-aċċess awtonomu tal-UE għall-ispażju, huwa fattur ewlieni ta' dewmien u theddida għall-awtonomija tal-UE. Fortunatament, l-infrastruttura tfasslet biex tkun robusta biżżejjed biex

tiflaħ għal dewmien, iżda mhux fit-tul. Ir-Regolament jinkludi dispożizzjoni għal aċċess awtonomu għall-ispazju li jeħtiegħ li tiġi sfruttata aktar.

Għandu jsir aktar titjib biex jiġu evitati dewmien bla bżonn u spejjeż addizzjonali fl-implimentazzjoni tal-infrastruttura u l-modernizzazzjoni tagħha. Dawn l-ostakli huma prinċipalment dovuti għal fatturi esterni mhux previsti bħall-inflazzjoni jew in-nuqqasijiet fil-katina tal-provvista, li jfixxlu l-kapaċità tal-industrija li taderixxi mal-iskeda ppjanata tagħha. Barra minn hekk, il-**proċessi ta' akkwist** kumplessi u twal, li spiss ikunu riġidi u dettaljati żżejjed, jikkontribwixxu għal dawn l-isfidi. Il-Kummissjoni diġà qed tiżviluppa strumenti ġodda biex tagħmel l-akkwist aktar aġli, rapidu u miftuħ għal atturi ġodda, bħala s-Sistema Dinamika ta' Xiri għall-missjonijiet ta' kontribuzzjoni Copernicus.

L-għadd ta' **utenti** qed jiżdied, iżda jista' jsir aktar sforz għall-adozzjoni mis-suq u mill-utenti tad-*data*, tas-servizzi u tal-applikazzjoni tal-UE bbażati fl-ispazju, b'mod partikolari billi jiġu kkombinati d-data u l-arrikkiment reċiproku bejn il-komponenti tal-Programm biex jiġu żviluppati servizzi trażversali u multidixxiplinari għas-setturi mhux spazjali. Il-pubblikazzjoni mill-EUSPA ta' rapport wieħed dwar is-suq uniku għall-GNSS u l-Osservazzjoni tad-Dinja kif ukoll l-inklużjoni tal-utenti tal-Osservazzjoni tad-Dinja u tal-SST fil-Pjattaforma ta' Konsultazzjoni tal-Utenti mmexxija mill-EUSPA se jagħtu spinta lis-sinerġiji u lill-arrikkiment reċiproku fil-komponenti kollha.

Fir-rigward tal-EUSPA, irnexxielha tevolvi b'suċċess mill-GSA preċedenti u tibda l-kompiti l-ġodda tagħha. Il-prestazzjoni ġenerali tal-Aġenzija hija tajba, u qed tilħaq il-miri kollha tagħha, filwaqt li tipprovdi valur uniku f'diversi oqsma ewlenin. Hija tippożizzjona ruħha bħala Aġenzija operazzjonali tal-UE orjentata lejn l-utent, billi tiffoka fuq il-massimizzazzjoni tal-benefiċċji tal-Programm għall-utenti u żżid il-valur għall-fornituri tas-servizzi innovattivi. Barra minn hekk, isservi bħala ċentru għall-attivitajiet ta' sfruttament, sigurtà, u adozzjoni mis-suq, u tipprovdi servizzi ta' kwalità għolja u robusti. L-EUSPA timmaniġġja wkoll volum sinifikanti ta' fondi tal-UE għall-attivitajiet spazjali, inkluż baġit delegat ta' madwar EUR 9 biljun għall-QFP attwali. Madankollu, jistgħu jsiru sforzi addizzjonali biex jitnaqqas aktar iż-żmien għall-għoti ta' fondi u biex tiżdied it-trasparenza fl-ippjanar tal-offerti. Barra minn hekk, jista' jsir titjib fl-SAB permezz tal-integrazzjoni bikrija tal-aspetti programmatiċi fit-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu.

Fl-aħħar nett, hemm żviluppi ta' politika fil-livell tal-UE li se jinfluwenzaw il-Programm Spazjali tal-UE fl-immedjat iżda wkoll fit-tul:

- L-intensifikazzjoni reċenti tat-theddid u ż-żieda fil-konġestjoni wasslu lill-UE biex tiegħu aktar azzjonijiet biex tiproteġi l-assi spazjali tagħha, tiddefendi l-interessi tagħha u tiskoraġġixxi attivitajiet ostili fl-ispazju. L-ewwel stadju importanti nkiseb fi Frar 2022 meta ġie ppubblikat l-**approċċ tal-UE għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-**

**Ispazju**<sup>19</sup> u dan jagħmilha neċessarja li jitrawwem aktar il-komponent tal-SSA tal-Programm Spazjali tal-UE.

- F'Marzu 2023 ġiet adottata l-ewwel **Strateġija tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża**<sup>20</sup> fejn l-ispazju ġie rikonoxxut bħala qasam strateġiku li l-potenzjal tiegħu għandu jiġi sfruttat aktar b'appoġġ għas-sigurtà u d-difiża. Is-Servizz Pubbliku Regolat (PRS) ta' Galileo diġà wera l-kapaċità ta' infrastruttura ċivili li tipproponi applikazzjonijiet militari u għall-IRIS<sup>2</sup> ġie segwit approċċ ta' "użu doppju mid-disinn", meta wieħed iqis il-potenzjal tagħha għad-difiża mill-bidu nett. L-istrateġija tistieden ukoll lill-Kummissjoni tivvaluta l-possibbiltà ta' servizz governattiv futur tal-UE għall-Osservazzjoni tad-Dinja li jsaħħaħ l-għarfien tas-sitwazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri. Ir-**reżiljenza** tal-ekosistema spazjali tal-UE hija kruċjali għall-implimentazzjoni tal-Programm. Fil-kuntest tal-**Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika**<sup>21</sup>, il-Kummissjoni inkludiet teknoloġiji spazjali u ta' propulsjoni fil-lista ta' għaxar oqsma kritiċi tat-teknoloġija għas-sigurtà ekonomika tal-UE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni żviluppat l-**Osservatorju għat-Teknoloġiji Kritiċi**<sup>22</sup> bħala għodda għall-awtonomija strateġika industrijali tal-UE li tidentifika, timmonitorja u tanalizza regolarment it-teknoloġiji kritiċi relatati mal-ispazju u d-difiża, u l-applikazzjonijiet potenzjali tagħhom. Din il-ħidma se tħalli impatt fuq id-definizzjoni tal-kundizzjonijiet ta' parteċipazzjoni għall-akkwisti li jsiru taħt il-Programm Spazjali tal-UE.

Bħala konklużjoni, l-evalwazzjoni tal-Programm turi li dan laħaq b'suċċess l-oġettivi tiegħu, filwaqt li indirizza kemm l-isfidi interni kif ukoll dawk esterni u kkontribwixxa b'mod sinifikanti għall-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, b'mod partikolari għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti, għall-kompetittività sostenibbli u għar-reżiljenza tal-UE. Il-Programm effettivament attira u żamm ukoll għadd dejjem jikber ta' utenti u espanda l-aċċess għal atturi ġodda. Barra minn hekk, l-EUSPA wettqet b'mod effettiv il-kompiti ewlenin u fdati kollha tagħha u saħħet il-kompetenzi u l-kapaċitajiet tagħha.

---

<sup>19</sup> [JOIN/2022/4 final tal-15 ta' Frar 2022 dwar Approċċ tal-UE għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju](#)

<sup>20</sup> [JOIN/2023/9 final tal-10 ta' Marzu 2023 dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża](#)

<sup>21</sup> [JOIN/2023/20 final tal-20 ta' Ġunju 2023 dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika"](#)

<sup>22</sup> [COM/2021/70 final tat-22 ta' Frar 2021 dwar Pjan ta' Azzjoni għas-sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża u spazjali](#)